**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 2294/97**

**Jetglass Limited**

**Vs**

**Claudia Grech**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u zewg liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm302.15) bilanc minn somma akbar rappresentanti din is-somma xoghol ta' tiswijiet fuq dghajsa propjeta' taghha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta fid-9 ta' Dicembru 1996 u l-imghax u l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn ecceppiet:

1. Illi fl-ewwel lok hi ma hiex il-legittima kontraditrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

2. Illi fil-mertu minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-imsemmija speedboat ma kinitx tal-kwalita' pattwita, tant li ftit jiem wara din kellha tinbiegh b'telf stante li ma kinitx qed tiffunzjona tajjeb.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti u rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-atturi prezentata illum permezz ta’ liema huma rriducew it-talba taghhom ghas-somma ta’ mija sebgha u tmenin lira Maltin (Lm187).

Rat ukoll in-nota prezentata mill-konvenuta illum stess, fejn ammettiet it-talba tas-socjeta’ attrici kif ridotta ghas-somma ta’ mija  sebgha u tmenin lira Maltin (Lm187).

Ghaldaqstant stante din l-ammissjoni l-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici izda limitatament ghas-somma kif ridotta ta’ mija u sebgha u tmenin lira Maltin (Lm187) u dan ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b’effett mil-lum.

Bl-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 2122/97**

**Stephen Caruana**

**Vs**

**Francis Vella**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta'sitt mija u lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm601.82) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti spejjez u danni sofferti fil-vettura tal-attur numru B-0507, liema danni gew kawzati b'rizultat tal-kollizzjoni li l-konvenut kellu mal-imsemmija vettura fis-6 ta' Novembru 1995, f'Great Siege Road, Floriana, meta kien qed isuq il-vettura M-2336 stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi ghaxar liri (Lm10) ghall-konsult kontra l-konvenut, li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi

huwa mhux unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi u dan kif gia gie ddikjarat mill-Qorti kompetenti u cioe mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet `Pulizija-vs-Francis Vella' tal-25 ta' April 1996 kopja ta' liema sentenza hija hawn annessa u mmarkata bhala dokument `A'.

3. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 1998 fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni u fejn iddikjara li l-kontestazzjoni tieghu tirrigwarda biss ir-responsabbilta' u mhux l-ammont tad-danni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process u kkunsidrat:

Bit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut, meta rrefera ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala ta' Gudikatura Kriminali moghtija fil-25 ta' April 1996 fl-ismijiet il-`Pulizija vs Francis Vella', qieghed jippretendi illi huwa m'ghandux ikun tenut responsabbli unikament ghall-kollizzjoni izda biss responsabbli ghal-sebghin fil-mija (70%) billi l-Qorti imsemmija kienet iddecidiet illi huwa kellu biss sebghin fil-mija (70%) responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni.

Kif dejjem gie ritenut pero', l-Qrati Civili mhumiex marbutin b'dikjarazzjonijiet ta' Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali dwar responsabbilta' civili u dana senjatament minhabba l-fatt illi l-kompitu tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali mhuwiex dak illi tistabillixxi responsabbiltajiet civili bejn il-kontendenti izda biss biex tezamina u tiddeciedi jekk ikunx hemm responsabbilta' kriminali tal-akkuzat. Infatti fil-proceduri Kriminali t-terzi illi setghu gew iddanneggjati bl-azzjoni allegatament kontravenzjonali jew kriminali tal-akkuzat mhux bilfors ikunu parti fil-kawza. Fil-kaz odjern anzi jirrizulta illi l-attur Stephen Caruana definittivament ma kienx parti fil-kawza Kriminali illi giet deciza fil-konfront tal-konvenut Francis Vella.

Inoltre ghandu jigi wkoll irrilevat illi l-pronunzjament tal-Qorti Kriminali meta sabet responsabbilta' in kwantu ghal sebghin fil-mija (70%) tal-kollizzjoni da parti tal-konvenut Francis Vella zgur li ma kinitx qieghda tippronunzja xi gudikat fil-konfront tal-attur Stephen Caruana u ghalhekk lanqas ma jista' jinghad illi dik is-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn Stephen

Caruana la kien akkuzat u lanqas ma kien parti  gie moghti responsabbilta' tar-rimanenti tletin fil-mija (30%).

Ghaldaqstant ghalkemm kwalunkwe pronunzjament ta' Qorti ohra ghandu l-valur u piz tieghu fid-decizjonijiet u ezami illi taghmel Qorti ohra, l-konkluzzjonijiet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali dwar il-kollizjoni in kwistjoni ma jikkostitwux gudikat bejn il-kontendenti u ghalhekk din il-Qorti ghandha l-obbligu li xorta wahda tezamina s-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet f'din il-kawza u tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Mill-provi prodotti jirrizulta definittivament stabbilit illi kien l-attur il-main road user meta kien qed isuq fi Great Siege Road il-Furjana. Jirrizulta definittivament ukoll illi l-konvenut, illi kien hiereg minn go triq laterali sekondarja ghal din it-triq principali, kien obbligat illi jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha necessarji biex meta jipprova jizbokka go triq principali ma jikkrea ebda ostakolu ghal dak it-traffiku li kien dak il-hin qed juza' t-triq principali.

Iz-zewg kontendenti jaqblu illi dak il-hin illi l-konvenut kien qed jipprova johrog mit-triq laterali li taghti ghal-Belt is-Sebh ghal go triq principali kien hemm traffiku qed juza' z-zewg karreggjati tat-triq principali. L-attur minn naha tieghu jixhed illi huwa kien qed jipprocedi fid-dritt tiela' fuq in-naha tieghu tat-triq fit-triq principali qieghed isuq fid-direzzjoni tal-Furjana u meta wasal fil-parti tat-triq principali li tigi faccata ghall-access ghall-Belt is-Sebh sab f'daqqa wahda lill-konvenut hiereg minn Belt is-Sebh ghal gol-karreggjata tieghu u ma kellux cans jevitah.

Minn naha tieghu l-konvenut jallega illi qabel ma hu pprova johrog ghal go t-triq principali u jaqsam l-ewwel il-karreggjata tat-traffiku li kien gej minn fuq il-lemin tieghu u jidhol fil-karreggjata tan-naha l-ohra tat-triq principali, jallega li huwa kien ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji, li kien waqaf jesplora l-ewwel in-naha tal-lemin tieghu tat-triq u mbaghad in-naha tax-xellug tieghu u pproceda biss ghal gol-karreggjata tal-attur meta accerta ruhu li ma kien gej hadd. Din il-verzjoni pero' ma tista' qatt tigi accetata bhala wahda ta' kredibilita' peress illi ma setax, il-konvenut, jaccerta ruhu illi ma kien gej hadd meta fil-fatt kien hemm l-attur u infatti habat mieghu.

L-unika spjegazzjoni li tista' tinghata ghal din il-kollizzjoni hija dik li l-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet minnu rikjesti u ma esplorax tajjeb il-karreggjata li kien qed isuq fiha l-attur ghaliex la l-attur kien qieghed f'dik il-karreggjata il-konvenut kellu bilfors jarah u jinduna bil-presenza

tieghu meta pprova johrog go triq principali.

Il-konvenut jipprova jispjega dan in-nuqqas tieghu billi allega illi l-attur seta' kien qed isuq b'velocita' eccessiva li allura fid-distanza qasira illi l-konvenut mexa ghal got-triq principali l-attur kien mexa distanza ferm akbar illi fixkel il-kalkolu ta' l-istess konvenut. Izda mill-isketch maghmul mill-Ufficjal li nvestiga l-kaz jirrizulta illi l-brake marks imhollijin mill-vettura tal-attur kienu limitati biss ghall-hdax-il metru u meta wiehed jikkonsidra wkoll illi kieku ma kinitx ghall-habta l-attur kien irid jitkaxkar ghal xi hames metri izjed, xorta wahda t-tul ta' sittax-il metru brake marks ma jimplikax velocita' eccessiva ghal-lokalita' billi l-istess marki jindikaw sewqan b'velocita' ta' madwar erbghin kilometru fis-siegha.

Minn dawn il-konstatazzjonijiet ghalhekk jirrizulta definittivament illi l-attur zgur li m'ghandu ebda responsabbilta' ghal dan l-incident u billi l-unika vettura ohra li kienet involuta f'din il-kollizzjoni kienet dik il-vettura misjuqa mill-konvenut isegwi bil-fors illi huwa l-konvenut li ghandu r-responsabbilta' shiha u unika ghal din il-kollizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk irid jaghmel tajjeb ghad-danni kollha illi sofra l-attur. Id-danni li sofra l-attur, illi mhumiex qed jigu kkontestati mill-konvenut, jammontaw ghas-somma mitluba ta' sitt mija u wiehed liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm601.82c).

Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni qieghda ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna l-istess konvenut illi jhallas lill-attur is-somma mitluba ta' sitt mija u wiehed liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm601.82c).

Bl-imghax legali b'effett mis-7 ta' Ottubru 1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 1220/98**

**Fogg Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance Limited kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Anthony Pace abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi, u l-istess Anthony Pace.**

**Vs**

**Mario Spiteri**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett mija u sitta u sebghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm376.16) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti d-danni fil-vettura tal-assikurat taghhom, Nru. E-1137, kawzati b'rizultat tal-kollizzjoni li kellu ma din l-imsemmija vettura misjuqa minn Matthew Pace fil-hin tal-incident, li sehhet fit-23 ta' Mejju 1995, fil-Furjana, meta kien qed isuq il-vettura G-5356, li ghalihom is-socjeta' attrici gia hallset u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala excess sofferti mill-attur l-iehor, stante li l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datat 25 t'Ottubru 1996, ghaxar liri Maltin (Lm10) konsult, u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tieghu, kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi huwa m'huwiex bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz fuq citat stante li ghall-incident `de quo' ken unikament responsabbli Matthew Pace s-sewwieq tal-vettura E-1137 minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Pace biss.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet il-provi u rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-attur kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi z-zewg vetturi kienu qed jipprocedu wara xulxin bil-vettura misjuqa mill-konvenut fuq quddiem tal-vettura misjuqa minn Matthew Pace.

Illi l-kollizzjoni grat billi l-vettura assikuragata mill-kumpanija attrici misjuqa minn Matthew Pace li kienet fuq wara habtet mal-vettura tal-konvenut Mario Spiteri li kien fuq quddiem. Fejn ma jaqblux is-sewwieqa huwa dwar il-kawza ta' din il-kollizjoni.

Ghalkemm il-konvenut isostni illi huwa kien qed isuq bil-mod b'Matthew Pace qed isuq warajh u kien qieghed jipprova jsib post fejn jista' jipparkja, u jkompli jallega illi meta sab spazju huwa waqaf biex jibda jipprepara biex jirriversja, meta ntlaqat minn Matthew Pace.

Matthew Pace, minn naha tieghu, jallega illi waqt li qed isegwi lil Mario Spiteri dan waqaf u mbaghad beda jirriversja minghajr ma esplora x'kien hemm warajh u habat mal-vettura li kienet misjuqa mill-istess Matthew Pace.

Il-Qorti ghalhekk trid tara liema wahda minn dawn il-verzjonijiet tidher li tkun iktar verosimili bil-piz tal-prova iktar fuq l-atturi li ghamlu l-kawza milli fuq il-konvenut.

Minn naha tieghu l-konvenut in sostenn tal-verzjoni tieghu pprezenta affidavit ta' Anthony Zammit liema affidavit ma giex ikkontestat billi l-atturi ma harkux lill-istess Anthony Zammit in kontroezami.

Minn naha l-ohra mhuwiex ikkontestat mill-konvenut illi meta huwa waqaf quddiem il-vettura misjuqa minn Matthew Pace huwa kien intenzjonat illi jibda jirriversja biex jidhol go post fejn ried jipparkegga l-vettura tieghu, u illi dan l-ispazju kien fuq in-naha tal-lemin tieghu ossia fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Dak li pero' jwassal il-Qorti biex issib illi hija aktar verosimili l-verzjoni moghtija mill-atturi huwa l-fatt illi l-isketch, li ma giex ikkontestat mill-kontendenti, jindika illi l-vettura misjuqa mill-konvenut, illi presumibbilment kellha tkun qieghda tinsaq fuq l-estrem xellug tat-triq, kienet diga' angolata minn naha ta' wara taghha lejn il-lemin tat-triq ossia diga' qieghda fid-direzzjoni intiza mis-sewwieq biex tiehu postha fl-ispazju fejn riedet tidhol.

Il-konvenut jipprova jispjega din il-posizzjoni tal-vettura tieghu billi jallega illi huwa, waqt li kien miexi bil-quddiem, kien diga' kiser lejn ix-xellug tieghu biex ipoggi l-vettura tieghu f'posizzjoni aktar facli biex jista' jirriversja djagonalment halli jidhol fl-ispazju fuq in-naha l-ohra tat-triq.  Izda din il-versjoni mhijiex verosimili peress illi biex tigi accettata din il-versjoni l-konvenut kellu l-ewwel jispjega illi hu kien qed isuq il-vettura tieghu fuq in-naha hazina tat-triq. Kieku l-konvenut, kif huwa aspettat, kien qed isuq b'mod regolari fuq in-naha tax-xellug tat-triq, il-posizzjoni tal-vettura tieghu mal-habta tista' biss tigi spjegata billi wiehed jaccetta illi kien diga' beda jirriversja l-vettura qabel ma saret il-habta.

Ghaldaqstant minn din ic-cirkostanza biss il-Qorti ssib illi l-versjoni tal-atturi hija l-unika wahda accettabbli u ghaldaqstant qieghda tiddikjara illi kien il-konvenut Mario Spiteri unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni. U ghaldaqstant irid jirrispondi ghad-danni minnu kkawzati fil-vettura ta' Anthony Pace misjuqa minn Matthew Pace.

Dwar dawn id-danni jirrizulta mid-dokumenti esebiti mid-deposizzjoni ta' Anthony Savona illi dawn jammontaw ghas-somma komplessiva ta' tlett mija sitta u sebghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm376.16c) kif mitluba mill-atturi fl-avviz li minnhom tlett mija u wiehed u hamsin lira u sittax-il centezmu (Lm351.16c) thallsu mill-atturi Fogg Limited u l-bilanc ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) gie mhallas mill-assikurat l-attur

l-iehor Anthony Pace.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundana lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi bejniethom is-somma komplessiva ta' tlett mija sitta u sebghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm376.16c), bl-imghax legali b'effett mill-15 ta' Gunju 1998 u dan ghar-ragunijiet indikati fl-avviz billi kien il-konvenut Mario Spiteri unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 443/00**

**Godwin Falzon u Alfred Falzon f'isimhom propju u ghall-HLB Falzon & Falzon**

**Vs**

**Raymond Coleiro f'ismu propju u ghall-Advance Furniture**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u erba' u hamsin lira Maltija (Lm254) flimkien mal-imghax legali mill-31 ta' Jannar 2000, import ta' drittijiet professjonali u spejjez in konnessjoni ma servizzi professjonali ta' accountancy u audit minnhom rezi fuq inkarigu tieghu, kif jidher mill-prospett (Dok. A).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar, 2000, u hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75) tal-ittra legali tat-2 ta' Dicembru, 1998, kontra l-konvenut.

Bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lil Joseph Galea prodott mil-kumpanija attrici; issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi proprio et nomine s-somma mitluba ta' mitejn erbgha u hamsin lira Maltin (Lm254) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-31 ta' Jannar 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 395/00**

**Executive Services Limited**

**Vs**

**Martin Camilleri f'ismu propju u kif esercenti fin-negozju ta' Le Van Gogh Restaurant**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm681.22) rapprezentanti, prezz ta' servizzi ta' reklamar u servizzi ohra relatati pprovduti mis-socjeta' attrici fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra legali datata 8 ta' Jannar 1997 u tal-mandat ta' Qbid u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l -konvenut, ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet il-provi prodotti mill-attur; issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas

is-somma mitluba ta' sitt mija wiehed u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm681.22c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-5 ta' April 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 167/01**

**Fogg Insurance Agencies Ltd**
**ghan-nom u in rappresentanza**
**tas-socjeta' estera assikuratrici**
**Norwich Union International**
**Insurance Limited u dawn kif**
**surrogati fid-drittijiet tal-**
**assikurat taghhom Gino Chetcuti**
**sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess**
**Gino Chetcuti.**

**Vs**

**Joseph u Joanne konjugi Scicluna**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm385.49c) ammont lilhom imhallas indebitament biex jaghmlu xoghol ta' panel beating, spray painting u xiri u tibdil ta' parts fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni CVC 015, liema ammont thallas lill-konvenut mis-socjeta' assikuratrici attrici pero' huwa baqa qatt m'ghamel xogholijiet fuq l-istess vettura.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali.
Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la dehru biex jikkontestaw it-talba

attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm385.49c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-2 ta' Marzu 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 1814/98**

**Awtorita' Marittima ta' Malta**

**Vs**

**Jean Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Awtorita' attrici talbet:

(1) il-kundanna tal-konvenut li hu debitur fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385) rappresentanti hlas ta' registrazzjoni rigward il-boat `S 12472';

(2) tikkundanna l-konvenut ihallas l-imsemmija somma ;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 2454/98**

**Charles Schembri bhala Direttur ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' attrici C & F Enterprises Limited kif debitament awtorizzat**

**Vs**

**John u Jane Mary konjugi Camilleri u b'digriet tas-16 ta' April 1999 gew kjamati in kawza l-kumpanija Southern Developments Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u erbghin lira Maltin (Lm540) cens bil-quddiem 1995, 1996, 1997 u 1998 bir-rata ta' mija hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) kull sena, liema cens kien dovut in forza ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dr. Charles Mangion tat-22 ta' Gunju 1995, (Dokument A anness) u liema cens ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) kull sena huwa maqsum bil-mod segwenti. Ghoxrin lira Maltin (Lm20) fuq terraced house mibnija fuq il-plot numru 8, hmistax-il lira Maltin (Lm15) fis-sena fuq il-garage fl-upper basement level, ghoxrin lira Maltin (Lm20) fuq il-maisonette mibnija fuq il-plot numru 7, hmistax-il lira Maltin (Lm15) fuq garage iehor fl-upper basement level, hamsin lira Maltin (Lm50) fuq ix-showroom, hmistax-il lira Maltin (Lm15) fuq garage iehor fl-upper basement level, kollox kif deskritt ahjar

fil-kuntratt ta' bejgh imsemmi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull sena cens sad-data tal-pagament effettiv.